MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2008

Rikors Numru. 739/2008

**Fl-atti tal-mandat ta’ qbid numru 644/2008 fl-ismijiet:**

**Avv. Kenneth Grima nomine**

**vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores et nomine**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tas-socjeta estera Boss Media AB;

Rat id-digriet taghha precedenti;

Rat ir-risposta tas-socjeta Trillion Limited;

Semghet id-didensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tar-rikorsi numru 755/08, 749/08 u 773/08 li gew trattati kontestwalment mal-presenti rikors;

F'dan ir-rikors is-socjeta estera Boss Media AB, li kontra taghha nhareg mandat ta' qbid kawtelatorju u dana fuq talba tas-socjeta Trillion, qed titlob li, ai termini tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jigi ordnat lis-socjeta Trillion Limited taghti, fi zmien stabbilit, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista tigi imposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas li jitnehha l-mandat ta' qbid in kwestjoni;

Issir referenza specifika ghad-digriet ta' din il-Qorti, kif presjeduta, tallum stess u li nghata fir-rikors numru 755/08. Il-premessi u l-provedimenti, kif kontenuti fl-imsemmi digriet l-iehor tallum stess, ghandhom jitqiesu li kollha japplikaw ghal presenti rikors;

Skond l-artikolu tal-ligi, li ghalih saret referenza mis-socjeta estera Boss Media, talba bhal din, kif kontenuta fil-presenti rikors, ghandha tigi akkolta jekk tintwera li hemm kawza gusta sabiex minn ottjena l-hrug ta' mandat kawtelarorju jigi mgieghel jghati garanzija gusta ghall-hlas tal-penali li tista eventwalment tigi imposta u ta' danni u imghaxxijiet. Jekk tali depositu ma jsirx fit-terminu mghoti, allura l-att kawtelatorju jitnehha. Ghalhekk l-unika kondizzjoni, sabiex tigi akkolta t-talba kif dedotta fir-rikors, hi li r-rikorrenti jipprova li tesisti kawza gusta sabiex isir l-imsemmi depositu;

Minn dak kollu li jinghad fl-imsemmi digriet l-iehor tallum, jirrizulta li hemm ragunijiet validi kif ukoll kawza gusta biex is-socjeta Trillion tigi mgieghla tghati garanzija gusta biex tghamel tajjeb ghal dak kollu li hu imsemmi fl-artikolu in kwestjoni;

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz u mir-rizultanzi kif elenkati fl-imsemmi digriet l-iehor tallum, jirrizulta sufficjentement pruvat li tesisti kawza gusta sabiex is-socjeta Trillion Limited tghati l-imsemmija garanzija u fl-istess cirkostanzi partikolari tal-kaz hu ragjonevoli li tali garanzija ghandha tkun ghas-somma ta' zewg miljuni u hames mitt elf euro (€2500000);

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi billi tilqa t-talba tas-socjeta estera Boss Media AB kif kontenuta f'dan ir-rikors u, ai termini tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li s-socjeta Trillion Limited tiddeposita a favur tal-istess socjeta estera, taht l-awtorita' ta din il-Qorti. sas-16 ta' Settembru 2008, garanzija tajba ghas-somma ta' zewg miljuni u hames mitt elf euro (€2500000) u dana biex tghamel tajjeb ghall-hlas tal-penali li tista tigi imposta u ta' danni u imghax. Fin-nuqqas il-mandat ta' qbid in kwestjoni jigi mhassar;

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------